MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 1779/2005

**Neil Anthony Fenech I.D. Nru 221081(M)**

**Vs**

**(1) Direttur tad-Divizjoni ta' l-Ikel u Attivita` Veterinarja**
**(2) David Azzopardi**
**(3) Avukat Generali**

**It-Tribunal,**

Ra **l-Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fit-3 ta' Ottubru 2005 li permezz tieghu l-attur stqarr u talab illi din hija istanza fejn hu qed jitlob il-kundanna tal-konvenuti (jew min minnhom) ghal risarciment ta' l-ammont ta' elf u hames mitt Liri Maltin (Lm1500) jew somma verjuri in linea ta' danni li garrab in segwitu ghas-serq imwettaq minn persuna jew persuni mhux mgharufa ta' zewg "bull-dogs" tar-razza Ingliza, propjeta` tal-attur, li sehh fil-lejl ta' bejn

is-7 u 8 ta' Lulju 2005 mis-"*Small Animal Quarantine Section*", Qasam Industrijali, Hal-Luqa, fejn iz-zewgt' iklieb kienu taht kwarantina fil-kura u l-kustodja tal-konvenuti (jew min minnhom), ghal liema danni l-konvenuti huma responsabbli (jew min minnhom) u konsegwentement jridu jaghmlu tajjeb versu l-attur skond il-ligi.

Oltre d-danni attrici, l-konvenuti ghandhom ihallsu l-ispejjes tal-ittra interpellatorja tad-19 ta' Lulju 2005, dawk tal-ittra ufficjali tal-31 ta' Awissu 2005 flimkien ma' l-imghax legali mid-data tal-presentata ta' dan l-avviz sad-data tal-effettiv pagament.

Ra **r-risposta** tad-Direttur tad-Divizjoni Ikel u Attivita` Veterinajra u ta' l-Avukat Generali tar-Repubblika tat-28 ta' Ottubru 2005 li permezz taghha l-intimati ndikati stqarrew illi l-intimati m'humiex responsabbli ghas-serq allegat stante illi huma dejjem hadu l-prekawzjonijiet kollha ragjonevolment mehtiega, specifikament id-Direttur tad-Divizjoni Ikel u Attivita` Veterinarja, sabiex jigi assikurat li l-annimali fil-kwarantina ikunu mharsin.

Illi inoltre`, sa fejn seta` ragjonevolment jirrizulta lill-imsemmi Direttur, il-persuni inkarigati mill-kura ta' l-annimali fil-kwarantina kienu nies kapaci li jwettqu d-doveri taghhom.

Illi inoltre`, l-Avukat Generali qieghed jigi mharrek f'din il-kawza inutilment.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra **r-risposta** (doppja!!) tad-Direttur tad-Divizjoni ta' l-Ikel u Attivita` Veterinarja tal-4 ta' Novembnru 2005 fejn stqarr illi l-konvenut qed jikkontesta t-talba li qed issir kontrih stante illi, skond regolament 12 ta' l-Avviz Legali 59 ta' l-1998, id-Direttur tad-Divizjoni tal l-Ikel u l-Attivita` Veterinarja ma huwiex responsabbli ghal dak li jista` jigri lill-annimali filwaqt li jkun qed jinzamm f'xi stazzjoni tal-kwarantina, hlief meta dak li jigri jsir b'mod xjentement negligenti mill-awtorita` li tkun qed izomm l-annimal.

Ra **r-risposta** ta’ David Azzopardi tal-11 ta’ Ottubru 2005 li permezz taghha stqarr illi l-konvenut David Azzopardi m’huwiex il-legittimu kontradittur, illi l-konvenut David Azzopardi ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, illi huwa m’huwiex responsabbli ghal dak indikat fit-talba ta’ l-attur, illi t-talba fil-konfront tieghu hi nfondata fil-fatt u fid-dritt, u dan salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi.

Sema` x-xhieda kollha prodotti u ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti;

Sema` t-trattazzjoni ta’ l-Avukati.

Ra illi l-kawza thalliet ghall-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

1. Illi l-fatti l-aktar saljenti u mportanti li rrizultaw mill-provi prodotti kienu is-segwenti :

2. Tarciso Dingli, fit-8 ta’ Lulju 2005, filghodu, irrapporta fl-Ghassa tal-Pulizija ta’ Rahal il-Gdid, dwar serqa mill-kwarantina ta’ Gvern tal-klieb f’Hal-Luqa, u dan fuq informazzjoni li huwa kellu minn ghand David Azzoppardi, l-watchman ta’ dak il-lejl.

3. L-investigazzjonijiet tal-Pulizjia wasslu biex identifikaw lill-attur bhala sid tal-klieb misruqa.

4. Meta il-Pulizija acceddiet fuq il-post, instab fence maqtugh fuq wara u 50 metru l-gewwa, l-fence ta’ kennel 8 maqtugh wkoll.

5. Mir-rapport esebit - Dok JT1 - jirrizulta illi l-Pulizija giet infurmata madwar l-5.45a.m. u li s-serqa sehhet madwar 45 minuta qabel.

6. Minn stharrig illi sar u tfittix fil-fondi ta’ l-attur, ma jirrizulta xejn.[1]

[1] Para 1 sa 6 – jirrizultaw mix-xhiedha ta’ PS1439 John Tabone (16.01.06)

7. Insterqu zewgt iklieb “British Bull dogs” impurtati mill-Grecja u li swew 3200 Euro (vode Doks NAF1 u NAF3) eskluz il-gagga, cioe` elf, tlett mija u tlieta u sebghin Liri Maltin u sitta` u sebghin centezmu (Lm1373.76)[2]. Meta wasslu mill-Grecja, thallas il-cargo fl-ammont ta’ Lm17.50.

8. Kienu ilhom kwarantina madwar 8/10 t’ijiem u b’kollox qabel johodhom kellhom jghaddu 30 jum.

9. Kien hemm hlas ta’ zewg Liri Maltin u erbghin centezmu (Lm2.40) ghall kull kelb ghal kull gurnta illi damu hemm – allura tmienja u tletin Liri Maltin u erbghin centezmu (Lm38.40) ghad-durata ta’ 8 t’ijiem.

10. L-attur kien izur il-klieb kuljum filghodu u filghaxija meta kien jitmaghhom ikel tal-kwarantina stess. Il-kennel 8 kienet maghluqa b’katnazz u kellu kopja tac-cavetta l-attur u ohra tinzamm il-kwarantina wkoll.

11. Il-kennel kienet mdawra bil-fence mal-gnub kollha bis-saqaf, hlief ghall-art, li kienet tal-konkos.

12. L-access kien minn bieb tal-hadid li jiftah l-watchman – mbaghad timxi 15/20 metru u ssib fence, taqsam ghalqa zghira fejn jinhargu l-klieb – u ssib il-kennel.

13. Kien sieheb l-attur, Simon Saliba, li wkoll kellu xi kelb kwarantina – li nfurmah illi kienu nsterqu l-klieb tieghu u dan ghax gharrfu Tarcisio Dingli stante illi ma kellhomx in-numru tat-telefon ta’ l-attur.[3]

14. Il-kwarantina taqa` taht ir-responsabbilita` tad-Dipartiment Veterinarju li jiehu hsieb l-annimali, jitmaghhom, inaddafhom etc. Hemm 7 impjegati u watchman, u l-Head huwa l-Vet Dr Chetcuti Ganado.

---

[2] bir-rata uffijcali ta` Euro = Lm0.429300

[3] para 7 sa 13 – jirrizultaw mix-xhiedha ta’ l-attur tas-16.01.06 u 28.11.06

15. Illi l-klieb, 2 bulldogs, kellhom idumu xahar kwarantina.

16. Illi bil-lejl ikun hemm watchman wiehed – u dak in-nhar tas-serqa kien David Azzopardi.

17. Illi l-kennel dak iz-zmien ma kinitx tissakkar – tinfetah billi tnehhi bicca hadida. Illum jigu msakkra – "*bhalissa qed isiru xi renovations fil-kwarantina u allura qed isiru xogholijiet li qed igibu maghhom iktar sigurta`*[4] *u affarijiet bhal kennels jinghalqu u jissakkru*" – anke jekk jghid illi dak in-nhar tas-serqa kienu diga` mbdew xi xogholijiet.

18. Lejliet is-serqa, filghaxija kien ma' l-attur hdejn il-klieb. Illi sid l-annimali "*qatt ma jkolli xi forma ta' cwievet tal-lock*", hlief meta s-sid igib katnazz tieghu – f'liema kaz irid ihalli kopja tac-cwievet hemmhekk. Jghid illi illum din is-sistema ma ghadiex tithaddem u "*insakkru bil-katnazzi taghna*" biss.

19. Watchman ghandu shift mill-5.30p.m. sa' l-ghada fis-6.30a.m, meta jinghata *handover* billi jduru kennel kennel. Il-kennels "*jigu ccekjati biss meta jinghata l-handover …… kien hemm search lights wkoll fuq wara, pero` ma kienux jixghelu*" u "*kien ikun hemm dlam cappa*"[5].

20. Il-watchmen kellhom struzzjonijiet illi jiccekjaw il-kennels minn wara u minn quddiem – b'attenzjoni aktar lin-naha ta' wara "*minhabba l-problema tad-dawl li kien hemm*"[6]. Watchman ikollu '*torch*'.

21. B'kollox il-fence kien imqatta` minn tlett bnadi, kollha fuq in-naha ta' wara fejn kien mudlam.

22. Hemm hlas ta' Lm2 (eskluz VAT) ghal kull kelb kull jum da parti ta' l-attur.

---

[4] sottolinear – emfasi tat-Tribunal
[5] sottolinear – emfasi tat-Tribunal
[6] sottolinear – emfasi tat-Tribunal

23. "*Wara dan l-incident, f'dak li jirrigwarda mizuri ta' sigurta`, nista` nghid illi dak il-hajt li kien 6 filati u mbaghad ikompli l-fence, illum tela` kollu hajt ta' 12 il-filata. Hallejna filata wahda biss fence kemm tghaddi l-arja. Id-dawl fuq wara tqabbad u llum hemm 7 spot lights jixghelu fuq in-naha ta' wara. Issa nista nghid illi kullimkien fid-dawl…… issa hemm ostaklu ta` zewg bibien ohra biex persuna jasal ghal kennels minn naha ta` wara, u ghadna ghaddejjin bix-xogholijiet.*"
Irrid nghid illi l-watchman haduha bhala taghlima u saru aktar attenti minn qabel fuq ix-xoghol taghhom. Igifieri fejn qabel kienu jaghmlu 5 dawriet, illum jaghmlu 10. Dawn qed jaghmluh huma minn rajhom u mhux ghax nghataw xi struzzjonijiet f'dan is-sens".[7]

24. Il-watchman David Azzopardi kien qal fil-kors ta' l-investigazzjoni illi "*bil-lejl il-post ma kienx ikun mixghul b'mod adegwat*". Saru diskussjonijiet bejn il-Pulizija u r-rapprezentant tad-Dipartiment, "*fejn konna tkellimna fuq mezzi ta' sigurta` ahjar, bhal ma huma dawl u affarijiet ohrajn*".[8]

25. David Azzopardi kien ilu madwar hmistax il-sena watchman, u kien xoghol dak il-lejl tas-serqa. Bil-lejl kien hemm dawl fin-nofs tal-grounds (300 pied kwadru) izda "*mad-dawra ta' barra ma kienx hemm dawl*".

26. Bil-lejl, watchman ikun xoghol wahdu, u dak il-lejl tas-serqa, ghal habta tad-9.30p.m. mart l-attur marret flimkien ma' persuna ohra hdejn il-klieb biex jidilkuhom minhabba s-*sandfly*. Fethilhom biex dahhlu u harrgu l-istess David Azzopardi.

27. Qatta` l-lejl normali, kultant jaghmel ronda mal-kennels u ghall-habta tal-4.30am induna illi l-fence kien mqatta. Kienet ir-ronda li biha kien ser iqajjem il-klieb kollha – sabiex jara illi qeghdin f'posthom. Sejjah lill-klieb u meta ma rrispondewx – avvicina aktar il-kennel u nnota l-fence mqatta.

---

[7] Para 14 sa 23 - mehuda mix-xhieda ta' Tarciso Dingli, supervisor fil-kwarantina (11.05.06)
[8] Para 24 – mehuda mix-xhiedha ta' l-Ispettur Frans Micallef (4.07.06)

28. Dak il-lejl, bhal iljieli ohra, kien hemm fil-kamra l-A/C mixghul u l-bieb maghluq biex ma` tohrogx l-arja kiesha.

29. "*Wara dan l-incident, irrid nghid illi fuq il-lant tax-xoghol tieghi ghamlu d-dawl. Mnejn hadu l-klieb ghollew il-hajt bil-bricks. Biddlu l-bibien u ghamluhom ta' l-aluminuim, kollha jissakkru. Illum hadd ma` jista` jaqta` l-fence kif sar dak in-nhar….. Dawn ix-xogholijiet saru wara din is-serqa. Ghandi nifhem illi dawn ix-xogholijiet saru biex ikun hemm aktar sigurta` minn dak in-nhar…..*[9] *kien hemm okkazzjoni ohra fejn nqatgha l-fence, bhal din l-okkazzjoni…..nghid biss illi d-dawl sar wara din is-serqa partikolari u mhux wara dik ta' qabel*".[10]

Ikkunsidra :

Illi din il-kawza saret mis-sid tal-klieb misruqa sabiex jirkupra d-danni minnu sofferti in segwitu ghas-serqa ta' l-istess klieb meta dawn kienu fil-kustodja tal-konvenut Direttur tad-Divizjoni ta' l-Ikel u l-Attivita` Veterinarja.

Illi fejn normalment sentenza tibda` biex tistabilixxi r-responsabbilita`, f'dan il-kaz it-Tribunal jibda` bil-quantum tad-danni mitluba. L-Avviz jitlob s-somma ta' elf u hames mitt Liri Maltin (Lm1500) jew somma ohra verjuri.

Jirrizulta mill-provi prodotti mill-attur, b'ebda mod kontradetti mill-konvenuti, anzi f'certi kazi korroborati mix-xhieda ta' Tarcisio Dingli (supervisor) illi l-ammont ta' danni sofferti mill-attur in segwitu ghas-serq tal-klieb tieghu jammonta ghas-somma komplessiva ta' **elf, erba` mija u disa` u ghoxrin Liri Maltin u sitta u sittin centezmu (LM1429.66),** rappresentanti in kwantu ghal elf, tlett mija u tlieta u sebghin Liri Maltin u sitta sebghin centezmu (LM1373.76) valur tal-klieb, sbatax il-Lira Maltin u hamsin centezmu (LM17.50) prezz tal-cargo u tmienja u

[9] sottolinear – emfasi tat-Tribunal
[10] para 25 sa 29 - xhiedha ta' David Azzopardi (4.07.06)

tletin Liri Maltin u erbghin centezmu (Lm38.40) prezz tal-hlas ghal tmient'ijiem kwarantina.

It-Tribunal ighaddi issa sabiex jikkunsidra jekk il-konvenuti, jew minn minnhom, humiex responsabbli ghall-hlas tas-somma hawnhekk fuq likwidata.

Qabel xejn jirrimarka u jikkonkludi illi l-Avukat Generali gie mharrek inutilment u ma messu qatt ikun inkluz mal-konvenuti f'dawn il-proceduri.

**L-Artiklu 181B (1)** tal-KAP 12 ighid espressament illi *Il-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet giudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat mill-materja in kwistjoni…..*

**L-Artiklu 181B (2)** mbaghad jispecifika illi *l-Avukat Generali ghandu jirrappresenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet giudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartiment l-ohra tal-Gvern*. F'dan il-kaz il-kap tad-Dipartiment tal-Gvern kien identifikat, infatti qieghed bhala l-ewwel konvenut elenkat, u allura ma kienx necessarju illi l-kawza tigi ukoll diretta kontra l-Avukat Generali. Notifika lill-Avukat Generali ai termini ta' l-**Artikolu 181B (3)** kien ikun sufficcjenti.

Ghal dawn ir-ragunijiet, l-ko-konvenut Avukat Generali sejjer jigi liberat mill-osservanza tal-Gudizzju.

Jifdal ghalhekk jigi deciz jekk iz-zewg ko-konvenuti l-ohra jew minn minnhom, ghandhomx jirrispondu ghad-danni sofferti mill-attur.

It-Tribunal iqis illi l-kwistjoni hija regolata bil-provvedimenti tal-KAP 16 dwar id-depozitu – mfisser fl-**Artikolu 1891** bhala *kuntratt li bih wiehed jircievi l-haga ta' haddiehor, bl-obbligu li jikkostudiha u li jrodda in natura*.

Huwa pacifiku illi jigi konkluz illi l-klieb de quo kienu fdati fil-kustodja tal-konvenut Direttur msemmi u di fatti, jidher illi l-eccezzjoni principali sollevata minnhu kienet ibbazata

fuq l-Avviz Legali 12 tal-1998 li jezimi minn kull responsabbilita` lid-Direttur in kwistjoni ghal dak li jista` jigri lill-annimal fdat fil-kustodja tieghu, hlief meta dak jigri b'mod xjentament negligenti mill-awtorita` li tkun qed izomm l-annimal.

Marbut mal-eccezzjoni l-ohra illi d-Direttur dejjem ha l-prekawzjonijiet mehtiega sabiex jigi assikurat illi l-annimali ikunu mharrsin – it-Tribunal, mill-provi kollha prodotti, jista` biss jikkonkludi illi in effetti id-Direttur ma hax il-prekawzjonijiet kollha necessarji biex jigi assikurat illi l-annimali jkunu mharsin.

L-annimali jridu jkunu mharsin minn KULL hsara li jistghu isofru huma u s-sidien taghhom. Mhux bizzejjed li jkun hemm l-igene biex ma jimirdux. Mhux bizzejjed illi jkunu mitmugha tajjeb u sahanament biex l-annimali jikbru tajjeb u b'sahhithom. Dan kollu ukoll huwa ferm importanti – imma daqstant iehor importanti illi l-annimali jinzammu b'mod sikur ghas-sahha taghhom u anke ghall-interess ta' sidhom.

It-Tribunal ma jhossx illi jkun qed iwessa` il-hsieb ta' kura adekwata u necessarja jekk jistabilixxi u jikkonkludi illi tali kura kellha ukoll tinkludi sigurta` ta' l-annimali minn serq. Dawn l-annimali huma finalment destinati lil sidhom, u jekk dan ma jsirx f'eghluq il-perjodu ta' kwarantina, (allura f'eghluq il-perjodu tad-depositu) f'dan il-kaz f'eghluq ix-xahar, allura ma jistghax jinghad illi d-Direttur, bhala l-persuna responsabbli mill-kura taghhom u li mieghu gew fdati, mexa` b'ghaqal u diligenza, sakemm ma jippruvax illi tali annimali ma wasslux fid-destinazzjoni taghhom – ghand sidhom – ghal xi raguni li huwa ma kellux kontroll fuqha.

Imma mill-provi jirrizulta ampjament illi kien hemm diversi nuqqasijiet li d-Diretur ma hax hsieb jirrimedja sabiex jassikura l-protezzjoni ta' l-annimali anke minn serq.

Bizzejjed illi t-Tribunal isemmi illi kien biss wara s-serqa illi saru diversi xogholijiet biex titjieb is-sigurta`, fosthom, xogholijiet strutturali. L-Ispettur stess xehed illi saru

diskussjonijiet dwar titjib ta’ sigurta`. Irrizulta li gja kien hemm kaz wiehed jew tnejn simili ghal dan de quo – izda kien biss issa illi ittiehdu ir-rimedji. Jirrizulta illi kien fatt maghruf illi kien hemm nuqqas kbir ta’ dawl, spotlights maqtugha, anzi “dlam cappa”. Jirrizulta nuqqas ta’ training adegwat lill-impjegati tad-Dipartiment, dwar kif ghandhom jaraw illi l-annimali jkunu segwiti, almenu tul il-lejl.

Mhux bizzejjed illi watchman jigi provdut b’kamra fejn jaghmel naqra te` u jistrieh taht l-A/C – dak importanti ukoll, izda mhux bizzejjed biex ikun garantit is-sigurta` ta’ l-annimali.

Kif ighid l-**Artikolu 1899** tal-KAP 16, *id-depositarju ghandu, fil-kustodja tal-haga taht depositu, jiehu hsieb daqs kemm jiehu fil-kustodja ta’ hwejjgu*, u di fatti ai termini ta’ l-**Artikolu 1900(1)** ta’ l-istess KAP 16, dan l-obbligu *huwa aktar sever meta jkun ftehim li ghandu jithallas ghall-kustodja tad-depositu*.

It-Tribunal ghalhekk ihoss illi irrizultaw bizzejjed ragunijiet ghaliex il-konvenut Direttur tad-Divizjoni ta’ l-Ikel u Attivita` Veterinarja ghandu jirrispondi ghad-danni sofferti mill-attur.

Mill-provi kollha prodotti kif hawn fuq msemmi, it-Tribunal ma jifdallu ebda dubbju illi l-konvenut Direttur tad-Divizjoni ta’ l-Ikel u Attivita` Veterinarja ghandu jassumi responsabbilita` ghall-akkadut u l-konsegwenti danni.

Id-Direttur konvenut kien obbligat, bhala depositarju illi jrodd il-haga li huwa kien ircieva, fl-istat tajjeb li huwa rceviha, pero` dan naqas milli jaghmlu. Ma kienx ikun tenut responsabbli ghall-hsara, biss kieku, kif ighid l-**Artikolu 1094(2)** tal-Kap 16, il-hsara saret minghajr il-htija tad-depositarju. F’dan il-kaz, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, it-Tribunal qed isib illi l-konvenut Direttur ghandu jahti ghall-hsara sofferta mill-attur u kif ighid l-**Artikolu 1031** tal-KAP 16, *kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu*.

It-Tribunal sejjer issa jikkunsidra jekk il-ko-konvenut David Azzopardi, li kien il-watchman dak in-nhar tas-serqa, ghandux ukoll jinzamm responsabbli.

Huwa veru illi David Azzopardi huwa impjegat tad-Divizjoni de quo – imma b'daqsekk ghandu jigi skoplat minn kull responsabbilita`?

It-Tribunal ihoss illi kull impjegat ma ghandux ikollu l-konfort tad-dhul tas-salarju u daqsekk. Kull impjegat ghandu d-doveri tieghu lejn il-principal – forsi anke biex jevita illi l-principal ikollu jirrispondi ghal nuqqasijiet bhal fil-kaz odjern.

Jirrizulta illi dan David Azzopardi kien konxju mill-problema ta' nuqqas ta' dawl li kien hemm fil-parti minn fejn sehhet is-serqa. Ma jirrizultax pero` illi ghamel xi haga dwarha u jidher illi kien kuntent illi jaghmel ir-rondi b'naqra ta' torch fi "dlam cappa" kif gie spjegat.

Jirrizulta ukoll illi lejlet is-serqa, ippermetta lill-mara ta' l-attur flimkien ma' persuna ohra tidhol hdejn il-klieb f'hinijiet illi ma kienux intitolati jidhlu. Kien hu li fetah u ghalaq il-gate warajhom.

Jirrizulta illi fejn qabel kienu isiru hames rondi matul lejl shih, issa qed isiru d-doppju.

Jirrizulta illi kien jaghlaq il-bieb tal-kamra tieghu sabiex ma tohrogx l-arja kiesha ta' l-ariconditioner, bil-konsegwenza ovvja illi kien jaghmilha aktar difficli li huwa jisma` xi hsejjes li seta` kien hemm fuq barra.

Dawn ir-rizultanzi kollha jwasslu lit-Tribunal biex jikkonkludi illi tali sitwazzjonijiet setghu definittivament ikkontribwew biex taw lok ghal serqa` bhal dik li effettivament sehhet u li wasslet biex l-attur sofra d-danni hawn fuq msemmija.

Zgur ma jistghax jinghad illi l-mod kif l-konvenut David Azzopardi kien qed iwettaq id-dmirijiet tieghu - bil-problemi u n-nuqqasijiet kollha li seta` kellu ghall-mezzi

lilu pprovduti mis-superjuri tieghu – ma wassalx u ma kkontribwiex biex is-serqa` issir b'aktar facilita`, bil-konsegwenti danni hawn fuq msemmija.

Impjegat ma ghandux jistrieh fuq il-principal tieghu – u fejn jirrizultalu nuqqasijiet li finalment jistghu iwasslu anke lill-istess principal tieghu ghal problemi ta' responsabbilita` ma' terzi, ghandu jkollu l-kuragg li jitkellem u jipprotesta ruhu sabiex jigu rrangati l-affarijiet – ghas-sigurta` tieghu stess FUQ KOLLOX, u kif ukoll ghall-ahjar andament tal-prestazzjoni tieghu fuq il-post tax-xoghol tieghu u finalment fl-interess ukoll tal-istess principal tieghu.

Ma jirrizultax illi minkejja serqa jew tnejn ohra qabel bl-istess mod kif saret din in kwistjoni, il-konvenut David Azzopardi ghamel xi haga mal-principal tieghu biex jara illi l-affarijiet u s-sitwazzjoni tigi rrangata ghall-ahjar ta' kulhadd.

It-Tribunal iqis dan in-nuqqas fih innifsu bhala nuqqas serju. Jista` jsir l-argument[11] illi t-Tribunal ma' jistax jikkonkludi illi dan iwassal ghar-responsabbilita` ta' l-impjegat ukoll fil-konfront tal-parti danneggjata, u dan gja la darba gie stabbilit illi l-kuntratt meta gew ikkonsenjati il-klieb sar bejn l-attur u l-konvenut Direttur u mhux mal-impjegati personalment ta' l-istess Direttur jew Divizjoni.

Izda t-Tribunal ihoss illi f'dan il-kaz u bil-fatti kif irrizultaw lil dan it-Tribunal, il-ko-konvenut David Azzopardi ma kienx diligenti u prudenti bizzejjed fix-xoghol tieghu, liema nuqqas ta' prudenza u diligenza wasslu ukoll sabiex isehh is-serqa b'aktar facilita`. Serqa illi minnha bata` l-attur u allura n-nuqqasijiet kkostati tal-konvenut David Azzopardi kellhom rizultat dirett fuq id-danni sofferti mill-attur – li ghalihom it-Tribunal ihoss illi ghandu jirrispondi.

Konfortat bl-**Artikoli 1031 u 1032(1)** tal-KAP 16, li ighidu espressament illi *kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu,* diretta jew indiretta, u *jitqies fi htija kull min*

[11] anke jekk jigi nnotat illi meta l-kawza thalliet ghat-trattazzjoni, d-difensuri tal-konvenut ma dehrux meta ssejhet il-kawza

*bl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja,* allura t-Tribunal ukoll ikollu jsib lill-konvenut David Azzopardi responsabbli flimkien mal-konvenut Direttur ghall-hsara sofferta mill-attur.

Ghaldaqstant, tenut kont dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, it-Tribunal b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jilqa` l-eccezzjoni tal-konvenut Avukat Generali u jillibera lill-istess Avukat Generali mill-osservanza tal-gudizzju, isib lill-konvenuti Direttur tad-Divizjoni ta' l-Ikel u Attivita` Veterinarja u David Azzopardi flimkien u in solidum responsabbli bejniethom ghat-telf soffert mill-attur u jikkundannhom ihallsu flimkien u in solidum bejniethom lill-istess attur is-somma likwidata ta' **elf, erba` mija u disa` u ghoxrin Liri Maltin u sitta u sittin centezmu (LM1429.66)**, bl-imghax u bl-ispejjes kif mitluba fl-Avviz kontra l-istess zewg konvenuti kundannati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------